IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2024
COM(2024) 419 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 u dwar il-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni**

## 1. Introduzzjoni: Inwettqu l-motto "Magħquda fid-Diversità"[1]

L-ewwel **pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025** (minn hawn 'il quddiem "il-pjan ta' azzjoni") adottat f'Settembru 2020[2] ifakkar li d-diskriminazzjoni razzjali għadha pjaga, b'effetti negattivi fuq is-soċjetà kollha. Għall-Unjoni Ewropea (UE), id-diskriminazzjoni għal raġunijiet razzjali jew etniċi ma hijiex biss ipprojbita b'mod espliċitu mil-leġiżlazzjoni, iżda hija ksur tal-valuri komuni tagħna, tas-soċjetà miftuħa u demokratika tagħna, u tal-istat tad-dritt.

Il-pjan ta' azzjoni huwa inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea biex tintensifika l-ġlieda kontra r-razziżmu[3] u d-diskriminazzjoni razzjali madwar l-UE u lil hinn minnha. Huwa jiddeskrivi qafas komprensiv għall-**promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, id-diversità u l-pluraliżmu** fl-Istati Membri tal-UE u jistabbilixxi firxa ta' miżuri biex jiġi indirizzat ir-razziżmu f'diversi oqsma, inkluż l-infurzar tal-liġi, l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, u s-saħħa. Il-pjan ta' azzjoni jenfasizza l-ħtieġa li **jissaħħaħ il-qafas legali tal-UE dwar l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u d-diskors ta' mibegħda** inklużi mekkaniżmi ta' infurzar effettivi u jenfasizza l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-intolleranza f'kooperazzjoni mal-media soċjali u tradizzjonali.

Dan ir-rapport[4] jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u joffri gwida lill-Istati Membri dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali effettivi kontra r-razziżmu, skont l-istruttura tal-pjan ta' azzjoni.

L-attakki terroristiċi f'Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, bis-sitwazzjoni umanitarja katastrofika sussegwenti bħala riżultat tal-gwerra f'Gaża[5] aggravaw ir-razziżmu u d-diskors ta' mibegħda eżistenti u wasslu għal żieda qawwija fl-antisemitiżmu u l-mibegħda anti-Musulmana madwar id-dinja, inkluż fl-UE. Il-polarizzazzjoni, id-diżinformazzjoni u l-isterjotipi negattivi li rriżultaw joħolqu sfidi għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-mibegħda. Iż-żieda fil-mibegħda, l-antisemitiżmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani ġiet indirizzata minnufih mill-Kummissjoni,

---

[1] Dan ir-rapport jirreferi għal "oriġini razzjali u etnika" skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu, kif ukoll it-terminoloġija legali tal-UE u dik internazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni taqbel mal-fehim komuni li r-"razez" huma purament ibbażati fuq ideat mibnija soċjalment u tiċħad il-kunċett ta' "razez" bijoloġiċi. Peress li r-referenza għar-razza mhux dejjem tirrifletti l-kostruzzjoni soċjali tar-razzjalizzazzjoni u filwaqt li tinnota li l-kunċett ta' "razzjalizzazzjoni" adottat mill-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (European Commission Against Racism and Intolerance, ECRI), il-Kummissjoni tqis li r-referenza għal "gruppi razzjalizzati" tkopri b'mod aktar preċiż l-essenza tar-razziżmu bħala problema soċjetali.

[2] Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025.

[3] Skont il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI, European Commission against Racism and Intolerance) tal-Kunsill tal-Ewropa, ir-razziżmu "għandu jfisser it-twemmin li raġuni bħal 'razza', kulur, lingwa, reliġjon, nazzjonalità jew oriġini nazzjonali jew etnika tiġġustifika disprezz għal persuna jew grupp ta' persuni, jew il-kunċett ta' superjorità ta' persuna jew grupp ta' persuni". Ara r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 7.

[4] It-tħejjija ta' dan ir-rapport ibbenefikat minn diversi skambji u konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), u partijiet ikkonċernati oħra. Dawn kienu jinkludu sejħa għal evidenza, konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati u żewġ kwestjonarji għall-Istati Membri. Ir-rapport jibni wkoll fuq id-*data* miġbura mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u mill-Ewrobarometru speċjali dwar id-diskriminazzjoni.

[5] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 22 ta' Marzu 2024.

b'mod partikolari bil-Komunikazzjoni "Ebda post għall-mibegħda: *a Europe united against hatred*[6].

[6] Komunikazzjoni *No place for hate: a Europe united against hatred.*

**“Being Black in the EU” (Li tkun iswed fl-UE): it-tieni stħarriġ dwar minoranzi u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea**[7]

Fl-2022, il-FRA wettqet it-tielet Stħarriġ tal-UE tagħha dwar l-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti, u sussegwentement ippubblikat f’Ottubru 2023 it-tieni edizzjoni tagħha tar-rapport “*Being Black in Europe*”.

Is-sejbiet tal-istħarriġ tal-2022 ma juru l-ebda progress. Meta mqabbla mal-2016, ir-rispondenti semmew livelli ogħla ta’ diskriminazzjoni razzjali fl-oqsma kollha tal-ħajja. B’mod ġenerali, il-prevalenza ta’ diskriminazzjoni razzjali fuq 12-il xahar żdiedet minn 24 % għal 34 %. Dan żdied fit-tiftix ta’ akkomodazzjoni, fit-tiftix ta’ impjieg, fuq ix-xogħol u fl-edukazzjoni. Pereżempju, il-prevalenza ta’ diskriminazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni fuq 12-il xahar żdiedet minn 6 % fl-2016 għal 28 % fl-2022. Ma sar l-ebda progress fir-rigward ta’ fastidju jew vjolenza razzista. Bħal fl-2016, 30 % tar-rispondenti qalu li esperjenzaw fastidju razzist u 4 % attakk razzist fil-5 snin ta’ qabel l-istħarriġ.

## 2. Razziżmu minn individwi – l-indirizzar tal-ħsara lin-nies u lis-soċjetà



Is-sehem tal-Ewropej li jgħidu li jħossuhom komdi jekk wieħed mit-tfal tagħhom ikun f’relazzjoni ta’ mħabba ma’

Persuna Rom: 51 %
Persuna sewda: 68 %
Persuna Asjatika: 70 %

### 2.1 L-indirizzar tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali permezz tal-leġiżlazzjoni

Qafas legali b’saħħtu u effettiv li jippromwovi l-ugwaljanza u d-drittijiet individwali u jipproteġi lin-nies mid-diskriminazzjoni huwa l-prerekwiżit għall-ġlieda kontra r-razziżmu. Il-Kummissjoni **tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti fl-Istati Membri, u meta jkun meħtieġ, tniedi proċeduri ta’ ksur**.

***Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-korpi tal-ugwaljanza***

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali hija pedament tal-pjan ta’ azzjoni. Il-Kummissjoni, għalhekk, kompliet timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri. Għaddejjin proċeduri formali ta’ ksur kontra tliet Stati Membri u fl-2023 il-Kummissjoni rreferiet wieħed minn dawn il-każijiet miftuħa lill-Qorti tal-Ġustizzja[8].

Il-Kummissjoni ppubblikat **rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva f’Marzu 2021**[9]. Dan ir-rapport identifika l-ħtieġa għal monitoraġġ aktar mill-qrib tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri, b’mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni u l-applikazzjoni ta’ sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi. Biex tappoġġa din il-ħidma, fi tmiem l-2023 il-Kummissjoni nediet studju biex tanalizza l-qafas legali dwar is-sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha tal-UE u biex tħares lejn l-implimentazzjoni prattika tiegħu.

---

[7] *Being Black in the EU – Experiences of people of African descent*
[8] Id-diskriminazzjoni tat-tfal Rom fl-iskola.
[9] Ir-Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

Barra minn hekk, **il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar lakuni legali u mhux legali possibbli fil-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni razzjali jew etnika fl-2022**[10], li ġabar *data* dwar l-oqsma fejn jimmaterjalizzaw inċidenti ta' diskriminazzjoni, inkluż fejn huma involuti l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. **L-istudju identifika l-attivitajiet ta' waqfien u ta' tiftix u l-użu tal-forza mill-pulizija** bħala oqsma fejn id-diskriminazzjoni kienet perċepita li sseħħ. Huwa jirrakkomanda aktar ġbir ta' evidenza u l-promozzjoni ta' prattiki tajba f'dan il-qasam, li jaqa' taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri. Għaldaqstant, fl-2024 il-FRA ppubblikat ir-rapport "*Addressing racism in policing*"[11].

F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet miżuri biex issaħħaħ ir-rwol u l-indipendenza tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza. Id-Direttivi proposti ġew adottati mil-leġiżlaturi fir-rebbiegħa tal-2024 u daħlu fis-seħħ f'Ġunju 2024[12]. L-istandards vinkolanti l-ġodda jsaħħu l-indipendenza u r-riżorsi tal-korpi tal-ugwaljanza u **jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu lill-korpi tal-ugwaljanza b'setgħat aktar b'saħħithom biex jassistu b'mod effettiv lill-vittmi tad-diskriminazzjoni u jgħinu fl-infurzar tar-regoli kontra d-diskriminazzjoni** fil-prattika. Ir-regoli l-ġodda jfittxu wkoll li jiżviluppaw ir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza biex l-ewwel nett jipprevjenu li sseħħ id-diskriminazzjoni, filwaqt li jqisu sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonali u jiffokaw fuq gruppi li l-aċċess tagħhom għal informazzjoni jista' jiġi mfixkel.

***Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija u mezzi legali oħra għall-ġlieda kontra r-razziżmu***

Il-pjan ta' azzjoni jenfasizza l-importanza ta' traspożizzjoni sħiħa u korretta mill-Istati Membri tad-**Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija permezz tal-liġi kriminali**[13]. Id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tiżgura li manifestazzjonijiet serji ta' reati ta' mibegħda razzisti u ksenofobiċi jew diskors ta' mibegħda jiġu kkastigati b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi madwar l-UE. Mill-2020, il-Kummissjoni ħadet passi biex tiżgura t-traspożizzjoni korretta u sħiħa tagħha u **nediet 13-il każ ta' ksur** kontra l-Istati Membri li l-liġijiet nazzjonali tagħhom ma ttrasponewx b'mod sħiħ u preċiż id-Deċiżjoni Qafas[14]. Fost dawn, sitt Stati Membri ġabu l-leġiżlazzjoni tagħhom f'konformità sħiħa mad-Deċiżjoni Qafas u l-każijiet ingħalqu. Erbgħa oħra għamlu progress u jinsabu fil-proċess li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom.

F'Diċembru 2021 u bil-ħsieb li jiġu indirizzati r-raġunijiet limitati ta' mibegħda koperti mid-Deċiżjoni Qafas u biex tiġi żgurata protezzjoni ugwali tal-vittmi kollha tal-mibegħda, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li titlob deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-lista attwali ta' "reati tal-UE" għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[15]. Jekk tiġi adottata, il-Kummissjoni tkun tista' tressaq leġiżlazzjoni biex tarmonizza l-liġi kriminali sostantiva dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

---

[10] Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; studju dwar lakuni possibbli.

[11] *Addressing Racism in Policing.*

[12] Id-Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tal-impjieg, id-Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tal-ugwaljanza razzjali.

[13] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u esspressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali

[14] Il-pakkett ta' proċeduri ta' ksur ta' Diċembru, il-pakkett ta' proċeduri ta' ksur ta' Jannar, il-pakkett ta' proċeduri ta' ksur ta' April, il-pakkett ta' proċeduri ta' ksur ta' Marzu.

[15] L-estensjoni tar-reati tal-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

*L-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà*

Biex jiffaċċjaw l-isfida ta' żieda fid-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli adottaw Komunikazzjoni Konġunta dwar "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda". Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li żżid l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-mibegħda fil-forom kollha tagħha, billi ssaħħaħ l-azzjoni f'varjetà ta' politiki u permezz ta' approċċ tas-soċjetà kollha. Bħala segwitu dirett tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni organizzat Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà[16], fejn 150 ċittadin mill-Istati Membri kollha tal-UE ddiskutew dwar miżuri li jirrispondu għall-mibegħda u l-intolleranza. Dan irriżulta f'21 rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni impenjat ruħha li ssegwi. Tali rakkomandazzjonijiet jiffukaw ukoll fuq miżuri biex jiġu indirizzati r-razziżmu u d-diskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u fl-ispazju diġitali.

## 2.2 Lil hinn mil-leġiżlazzjoni tal-UE – nagħmlu aktar biex nindirizzaw ir-razziżmu fil-ħajja ta' kuljum



- Fl-Ewropa, 61 % jgħidu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kulur tal-ġilda hija mifruxa f'pajjiżhom
- Kważi nofs il-persuni ta' dixxendenza Afrikana jesperjenzaw diskriminazzjoni razzjali, żieda minn 39 % fl-2016 għal 45 % fl-2022
- Id-diskriminazzjoni għadha inviżibbli, 9 % biss tal-vittmi jirrapportaw

*Ġlieda kontra d-diskriminazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi*

Il-fiduċja fl-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi, il-pulizija u l-forzi tas-sigurtà hija essenzjali għal soċjetà li tiffunzjona u hija prekundizzjoni għall-koeżjoni soċjali. In-nuqqas ta' rappurtar ta' reati ta' mibegħda, diskriminazzjoni razzjali u etnika u inċidenti relatati oħra huwa parzjalment relatat ma' nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet responsabbli. Dan in-nuqqas ta' fiduċja jiżdied meta jseħħ preġudizzju razzjali jew fastidju minn uffiċjali tal-pulizija jew uffiċjali pubbliċi oħra. Ir-rikonoxximent tad-diversità u l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali fl-infurzar tal-liġi huma għalhekk essenzjali għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

Ir-rapport tal-FRA tal-2024 "Addressing racism in policing"[17] huwa l-ewwel studju madwar l-UE li jħares b'mod komprensiv lejn l-oqfsa legali, janalizza l-lakuni fir-risponsi ta' politika u fis-sorveljanza effettiva, u jiddeskrivi l-prattiki li għandhom l-għan li jiġġieldu r-razziżmu fil-pulizija. Ir-rapport jipprovdi *data* dwar ir-razziżmu fil-pulizija u jiddokumenta li r-razziżmu fil-pulizija jinkludi prattiki diskriminatorji tat-tfassil ta' profili, komunikazzjoni razzista mhux xierqa u użu eċċessiv tal-forza.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) qed tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni permezz ta' taħriġ annwali dwar ir-reati ta' mibegħda u dwar il-vittmi ta' reati ta' mibegħda, u barra minn hekk kull sena toffri diversi webinars, f'kooperazzjoni mal-FRA, dwar ir-reati ta' mibegħda b'enfasi fuq minoranzi differenti. Il-waqfiet u t-tfittxijiet tal-pulizija u t-tfassil ta' profili razzjali huma indirizzati wkoll. Ir-reati ta' mibegħda huma wieħed mis-suġġetti li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jistgħu

[16] Panel biex Nindirizzaw il-Mibegħda fis-Soċjetà.
[17] *Addressing Racism in Policing.*

jagħżlu u jiskambjaw ma' kollega fi Stat Membru ieħor fil-qafas tal-Programm ta' Skambju tas-CEPOL.

Barra minn hekk, is-CEPOL offriet workshop dwar l-impatt tal-attakki terroristiċi madwar l-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, bis-sitwazzjoni umanitarja katastrofika sussegwenti f'Gaża fuq is-sigurtà tal-UE b'enfasi speċifika fuq il-komunitajiet Lhud u Musulmani.

Matul il-konsultazzjoni, **l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) u l-korpi tal-ugwaljanza rrapportaw żieda f'daqqa ta' inċidenti ta' użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi**, f'xi Stati Membri, li saħansitra rriżultaw fl-imwiet traġiċi ta' individwi minn minoranzi razzjali u etniċi. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu u **jżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu attitudnijiet diskriminatorji fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi**. Huma mħeġġa wkoll japplikaw il-qafas legali internazzjonali dwar l-użu tal-forza mill-infurzar tal-liġi[18] inkluż billi, bil-kontribut tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-korpi tal-ugwaljanza, jiżviluppaw ulterjorment taħriġ immirat għall-pulizija u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

***Sigurtà u sikurezza***

Il-Kummissjoni indirizzat it-theddida maħluqa mill-estremiżmu vjolenti li jirriżulta minn ideoloġiji razzisti permezz tal-ħidma tal-Forum tal-UE dwar l-Internet (EUIF)[19] u n-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN)[20]. Iċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni[21] li għadu kif ġie stabbilit se jibni fuq il-ħidma tal-RAN biex iżid l-appoġġ tal-UE biex jiġu ffaċċjati l-isfidi maħluqa mir-razziżmu u l-ksenofobija li jwasslu għar-radikalizzazzjoni u l-vjolenza.

F'Novembru 2021, bl-appoġġ tal-Istati Membri u l-Europol, l-EUIF ħoloq **pakkett ta' għarfien aġġornat regolarment ta' gruppi estremisti vjolenti tal-lemin, simboli u manifesti pprojbiti fl-Istati Membri tal-UE**, biex jiffaċilita l-isforzi volontarji ta' moderazzjoni tal-kontenut tal-kumpaniji tat-teknoloġija. Barra minn hekk, tnieda studju biex jiġi eżaminat sa liema punt l-algoritmi jamplifikaw kontenut terroristiku u estremist vjolenti għall-utenti online[22]. L-istudju jeżamina wkoll il-punt sa fejn il-kontenut dubjuż huwa amplifikat, bħal xi forom ta' diskors ta' mibegħda, diżinformazzjoni u forom oħra ta' kontenut legali iżda ta' ħsara li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ.

F'dan il-kuntest l-**EUIF żviluppa wkoll Manwal ta' Kontenut Ambigwu**[23] li jipprovdi eżempji u definizzjonijiet ta' dan it-tip ta' kontenut għall-pjattaformi tat-teknoloġija fil-moderazzjoni tal-kontenut biex l-utenti jiġu protetti minn kontenut ambigwu razzist, antisemitiku u anti-Musulman online.

---

[18] International standards | OHCHR.

[19] Il-Forum tal-UE dwar l-Internet jipprovdi ambjent kollaborattiv għall-gvernijiet fl-UE, l-industrija tal-internet, u sħab oħra biex jiddiskutu u jindirizzaw l-isfidi maħluqa mill-preżenza ta' kontenut malizzjuż u illegali online. Forum tal-Unjoni Ewropea dwar l-Internet (EUIF).

[20] In-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) In-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (Prattikanti tar-RAN) jgħaqqad prattikanti tal-ewwel linja minn madwar l-Ewropa ma' xulxin, biex jiskambjaw l-għarfien, l-esperjenzi diretti u l-approċċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha.

[21] *The EU Knowledge Hub: Radicalisation Prevention 2.0*.

[22] *Study on the role and use of algorithmic amplification*.

[23] *EUIF Year in Review 2022*.

F'Mejju 2024, ir-RAN eżamina l-impatt ta' narrattivi estremisti vjolenti tal-lemin fuq id-dibattitu soċjali. Biex jiġu miġġielda n-narrattivi li jinfiltraw diversi oqsma, bħall-isport, il-media, il-politika, u l-pjattaformi online, l-integrazzjoni tal-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku fil-kurrikuli tal-iskejjel tikkontribwixxi biex tonqos is-suxxettibbiltà għal ideoloġiji razzisti. Il-promozzjoni tal-fehim ta' fehmiet differenti u r-responsabbiltà tal-media tista' tevita t-tixrid mhux kritiku ta' kontenut estremist.

***Indirizzar tar-riskji f'teknoloġiji ġodda***

L-użu tal-IA jista' jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet fundamentali bħad-dritt ta' nondiskriminazzjoni, peress li l-algoritmi jistgħu jkunu preġudikati jew isiru preġudikati maż-żmien li potenzjalment iwassal għal diskriminazzjoni fl-oqsma tal-impjieg, l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-infurzar tal-liġi[24]. L-għodod tal-IA fl-infurzar tal-liġi jistgħu jżidu t-tfassil ta' profili razzjali. L-Unjoni Ewropea adottat l-ewwel qafas regolatorju tal-UE għall-IA f'Mejju 2024, li jipprevedi analiżi u klassifikazzjoni tas-sistemi tal-IA f'applikazzjonijiet differenti skont ir-riskju li joħolqu għall-utenti[25]. Is-sistemi tal-IA li jitqiesu li għandhom riskju kbir iridu jikkonformaw ma' sett ta' rekwiżiti qabel ma jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq, biex tiżdied it-trasparenza u jiġu minimizzati r-riskji għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali. Dan jinkludi l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni potenzjali fis-sistemi tal-IA b'riskju għoli, eż. dawk użati fl-infurzar tal-liġi, fir-reklutaġġ, fl-edukazzjoni u fil-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA jipprojbixxi l-użu tal-IA għal **policing predittiv** ibbażat fuq it-tfassil ta' profili u sistemi li jużaw ***data*** **bijometrika** biex jikkategorizzaw lin-nies skont kategoriji speċifiċi bħar-razza, ir-reliġjon, jew l-orjentazzjoni sesswali.

***L-Att dwar is-Servizzi Diġitali*** **(DSA)** jindirizza l-kontenut illegali u d-diżinformazzjoni online, inkluż diskors ta' mibegħda razzist, u jipprevjeni l-ħsara li d-disseminazzjoni ta' kontenut illegali tista' tikkawża. Fl-2016, il-Kummissjoni bdiet taħdem mal-fornituri ta' pjattaformi ewlenin fil-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online[26]. Wieħed mill-impenji ewlenin tal-pjattaformi parteċipanti huwa li jivvalutaw ir-rapporti dwar l-allegat diskors ta' mibegħda illegali fi żmien 24 siegħa fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, u li jneħħu l-kontenut malajr, meta jkun meħtieġ. Il-Kodiċi kiseb riżultati importanti u attira pjattaformi ġodda minn mindu tnieda, inklużi TikTok, LinkedIn, Viber, u Twitch. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-Firmatarji ppreżentaw verżjoni riveduta tal-Kodiċi ta' Kondotta, li timmira li ssaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jipprevjeni li d-diskors ta' mibegħda jispiċċa virali, permezz ta' mekkaniżmi ta' twissija.

***Impjieg, edukazzjoni, saħħa u akkomodazzjoni***

L-UE kompliet tuża miżuri ta' politika u programmi ta' finanzjament biex tiġġieled ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali fl-aċċess għall-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, u l-akkomodazzjoni mhux segregata.

Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili indikaw li l-**kwalità tal-ħajja għal persuni minn minoranzi razzjali u etniċi ma tjibitx b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin**. Għadhom jiffaċċjaw sfidi fl-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata. Il-konsegwenza ekonomika serja tal-pandemija tal-COVID-19 u l-

[24] L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.
[25] It-Testi tal-Att | *EU Artificial Intelligence Act*.
[26] Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online illegali.

gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna affettwaw sproporzjonalment lill-komunitajiet emarġinati, li ġew ikkonfrontati b'żidiet fil-kirjiet, fil-kontijiet tal-enerġija u fl-għoli tal-ħajja[27].

L-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-inugwaljanza soċjali u l-ġlieda kontra s-segregazzjoni residenzjali u edukattiva, huwa essenzjali li l-Istati Membri jiżguraw li **l-politiki u l-programmi ta' inklużjoni soċjali jimmiraw u jilħqu b'mod effettiv** lill-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju u jintegraw l-aċċess tagħhom għal servizzi mhux segregati ġenerali.

***Impjieg***

Persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni biex isibu impjieg jew taħriġ.

Permezz tal-adozzjoni unanima tagħhom tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom f'Marzu 2021[28], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jfasslu miżuri biex jiġġieldu u jeliminaw id-diskriminazzjoni. Dawn jinkludu miżuri biex titqajjem kuxjenza dwar l-impjieg mhux diskriminatorj u l-aċċess għall-impjieg u l-miżuri ta' attivazzjoni, u t-taħriġ tal-impjegaturi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-kawżi ewlenin tagħha.

Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027 (APII)[29] għandu l-għan li jegħleb l-isfidi li jiffaċċjaw il-migranti u ċ-ċittadini bi sfond ta' migrazzjoni. Din l-istrateġija tindirizza l-ostakli ewlenin għall-integrazzjoni li jiffaċċjaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'oqsma ewlenin (l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, l-impjieg u l-kura tas-saħħa).

***L-edukazzjoni***

L-aċċess mhux ugwali għal edukazzjoni ġenerali inklużiva ta' kwalità jipperpetwa d-disparitajiet soċjoekonomiċi bejn il-linji razzjali u etniċi. Il-persuni ta' dixxendenza Afrikana huma aktar probabbli li jitilqu mill-iskola kmieni u jsegwu inqas edukazzjoni terzjarja[30]. L-għoti ta' opportunitajiet edukattivi ugwali flimkien ma' appoġġ immirat biex jiġu indirizzati l-ostakli speċifiċi għall-grupp għall-aċċess jistgħu jgħinu biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi. Barra minn hekk, l-edukazzjoni tista' tisfida l-preġudizzji u l-isterjotipi billi trawwem il-ħsieb kritiku u tippromwovi d-diversità fil-kurrikuli u fil-materjali tat-tagħlim.

It-titjib tal-kwalità, tal-ekwità, tal-inklużjoni u tas-suċċess għal kulħadd huwa l-ewwel prijorità tal-**qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (European Education Area, EEA)**[31]. Il-Gruppi ta' Ħidma tal-qafas strateġiku tal-EEA (2021-2025)[32], ippermettew l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattiki li jindirizzaw forom differenti ta' diskriminazzjoni u preġudizzju fl-edukazzjoni

---

[27] Għal eżempju ara: *The impact of the COVID-19 crisis on vulnerable groups in the EU*, *The impact of COVID-19 on households´ income in the EU*.

[28] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, 12 ta' Marzu 2021.

[29] Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni.

[30] *Being Black in the EU – Experiences of people of African descent*

[31] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030).

[32] Gruppi ta' ħidma tal-qafas strateġiku tal-EEA.

u t-taħriġ - inklużi r-razziżmu, id-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika jew razzjali, l-inugwaljanzi soċjali u territorjali u d-diskriminazzjoni intersezzjonali[33].

Ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola**[34] adottata f'Novembru 2022 għandha l-għan li tagħti s-setgħa lil dawk kollha li jattendu l-iskola jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, tnaqqas it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, ittejjeb il-prestazzjoni fil-ħiliet bażiċi u tippromwovi l-benesseri fl-iskola għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku, kulturali jew personali tagħhom. Dan jinkludi miżuri ta' appoġġ għal gruppi f'riskju ta' esklużjoni u progress insuffiċjenti, bħal minoranzi razzjali u etniċi u studenti bi sfond ta' migrazzjoni.

***Saħħa***

Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat l-inugwaljanzi tas-saħħa eżistenti, speċjalment għal persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju[35].

Ir-razziżmu jista' jaffettwa s-saħħa mentali tal-vittmi[36]. Il-**Komunikazzjoni dwar Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali**[37] tenfasizza kif id-diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti, inkluż dwar l-oriġini razzjali jew etnika, għandha impatt fuq is-saħħa mentali. Il-programm EU4Health jappoġġa l-azzjonijiet[13] li jżidu s-sensibilizzazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità fil-qasam tas-saħħa mentali filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet tal-migranti vulnerabbli u tal-komunitajiet Rom.

***L-akkomodazzjoni***

Persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju huma f'riskju ogħla ta' kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni u segregazzjoni residenzjali. Is-segregazzjoni spazjali u soċjali huma esperjenzati speċjalment minn żewġ gruppi: Ir-Rom u l-migranti. Dawn l-isfidi mbagħad jista' jkollhom effett indirett f'termini ta' edukazzjoni jew opportunitajiet ta' impjieg u, fil-każ ta' familji bit-tfal, ifixklu b'mod sinifikanti l-iżvilupp tat-tfal. Id-disponibbiltà limitata u l-kwalità fqira tal-akkomodazzjoni soċjali tkompli tillimita l-għajnuna għal gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati, adottati f'Ottubru 2023[38], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-UE biex jiffaċilitaw l-aċċess ugwali għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata.

---

[33] *Tackling different forms of discrimination in and through education and training*.

[34] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola.

[35] Pereżempju: *Exploring the Effects of the COVID-19 Pandemic on Mental Health and Well-Being of Migrant Populations in Europe*, *Emerging findings on the impact of COVID-19 on black and minority ethnic people*, *Disparities in COVID-19 Outcomes by Race, Ethnicity, and Socioeconomic Status*.

[36] Metaanaliżi u rieżami sistematiku ssottolinjaw li r-razziżmu huwa relatat b'mod sinifikanti ma' saħħa ħażina, b'relazzjoni partikolarment b'saħħitha mas-saħħa mentali u inqas robusta għas-saħħa fiżika. F'diversi studji ħareġ l-impatt negattiv tad-diskriminazzjoni razzjali fuq is-saħħa mentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' disturbi affettivi, psikotiċi u fl-użu tas-sustanzi. Schouler-Ocak ecc. (2021); *Racism and mental health and the role of mental health professionals*, in: European Psychiatry 64, paġni 42-50.

[37] Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa

[38] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati.

Biex tiġi indirizzata ż-żieda fil-prezzijiet tad-djar u l-kirjiet, il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni Ewropea ħabbru l-iżvilupp tal-Pjan għall-Akkomodazzjoni Affordabbli[39].

[39] Linji Gwida politiċi 2024-2029.

## 3. Ir-razziżmu strutturali – l-indirizzar tal-problema sottostanti

Il-pjan ta' azzjoni jindirizza r-**razziżmu strutturali** li jipperpetwa l-ostakli li n-nies jiffaċċjaw sempliċiment minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħhom. Ir-razziżmu, l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni jnaqqsu l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u jwasslu għal eżiti ifqar fl-oqsma kollha tul il-ħajja ta' persuna minn età bikrija. Dan jidher fis-segregazzjoni fl-edukazzjoni, inqas żmien fl-edukazzjoni, opportunitajiet limitati ta' karriera, u diskriminazzjoni fis-suq tad-djar u fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi. L-effetti kumulattivi tar-razziżmu strutturali fuq kwalunkwe individwu jistgħu jwasslu għal għajxien taħt il-linja tal-faqar, u jirriżultaw f'mobbiltà soċjali mnaqqsa.

Ir-razziżmu jista' jiġi kkombinat ma' diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet oħra, inklużi reliġjon jew twemmin, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, età jew diżabilità. Għalhekk, l-UE segwiet approċċ intersezzjonali għall-kwistjoni li tagħti attenzjoni lill-kombinazzjoni ta' raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni biex tapprofondixxi l-fehim tar-razziżmu strutturali u biex tiżgura li r-reazzjonijiet ikunu aktar effettivi.

### 3.1 Politiki biex tinqaleb il-folja

***Ġlieda kontra l-isterjotipi u s-sensibilizzazzjoni dwar il-passat***

Filwaqt li tirrevedi avvenimenti preċedenti u tibni fuq ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-protesti kontra r-razziżmu wara l-mewt ta' George Floyd[40] f'Minneapolis, l-Istati Uniti, f'Mejju 2020, il-**Kummissjoni kompliet tenfasizza u tikkundanna pubblikament ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali**, eż. billi organizzat avvenimenti politiċi ta' livell għoli, u billi osservat jiem ta' tifkira.

F'Novembru 2023, il-**Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-FRA organizzat konferenza dwar "**Il-ġlieda kontra r-razziżmu fl-Unjoni Ewropea: persuni ta' dixxendenza Afrikana - rikonoxximent, ġustizzja u żvilupp**", allinjata mad-Deċennju Internazzjonali tan-NU għall-Persuni ta' Nisel Afrikan (2015-2024)[41] u d-Dikjarazzjoni u Programm ta' Azzjoni ta' Durban tal-2001.

Fil-5 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ikkommemoraw b'mod konġunt il-**Jum Ewropew dwar l-Abolizzjoni tal-Iskjavitù**. L-avveniment iffoka fuq l-importanza li jiġu rikonoxxuti l-għeruq storiċi tar-razziżmu, u fuq l-esplorazzjoni ta' inizjattivi biex jiġi indirizzat il-wirt tal-kolonjaliżmu u l-iskjavitù.

Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-kommemorazzjoni bħala aspett importanti tal-inkoraġġiment tal-inklużjoni u l-fehim, il-ġlieda kontra l-isterjotipi u s-sensibilizzazzjoni. Il-Kummissjoni ilha tappoġġa proġetti li jesploraw il-wirt tal-kolonjaliżmu, kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE fil-qasam tal-kommemorazzjoni Ewropea taħt il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valur (CERV).

***Id-data t-tajba għal għażliet ta' politika infurmati***

[40] Il-protesti kontra r-razziżmu wara l-mewt ta' George Floyd
[41] Deċennju Internazzjonali għall-Persuni ta' Dixxendenza Afrikana (2015-2024) | UNESCO

Xi Stati Membri ma jippermettux li tinġabar *data* dwar l-etniċità, filwaqt li oħrajn għamlu sforzi biex jiġbru tali *data*, eż. bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità. Huwa diffiċli li jitqabblu settijiet ta' *data* nazzjonali dwar l-ugwaljanza, fejn jeżistu.

Iżda d-*data* hija kruċjali biex jinqabdu kemm l-aspetti strutturali kif ukoll l-esperjenzi suġġettivi tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Permezz tal-pjan ta' azzjoni 2020-2025, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jimxu lejn approċċ armonizzat għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza li hija diżaggregata abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika. Abbażi tal-ħidma sussegwenti tas-Sottogrupp dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza, il-Kummissjoni ppreżentat in-**Nota ta' Gwida dwar il-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika**[42].

**Il-Eurostat ħa l-inizjattiva li jistabbilixxi "task force tal-istatistika dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni"[43]** biex taħdem mal-Istati Membri, l-utenti ewlenin u produtturi oħra tad-*data* għal statistika aktar komprensiva u komparabbli dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. It-task force hija mistennija tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet għal komparabbiltà mtejba tal-istatistika dwar l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha; li tipproponi metodoloġiji u l-aħjar prattiki għall-estensjoni tal-kopertura għal gruppi differenti f'riskju ta' diskriminazzjoni; li tidentifika l-komplementarjetajiet u tappoġġa l-koordinazzjoni ma' produtturi oħra tad-*data*. It-task force għandha l-għan li tlesti l-ħidma tagħha sa tmiem l-2026.

### 3.2. Qafas għat-twettiq – l-isfruttar sħiħ tal-għodod tal-UE

#### *Azzjoni fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali*

Il-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE hija responsabbiltà kondiviża u teħtieġ sforzi konġunti mal-Istati Membri. Huwa għalhekk li **l-Kummissjoni ħeġġet ukoll lill-Istati Membri kollha jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali** u pprovdiet gwida biex tappoġġahom f'dan il-proċess. L-impenn li jiġu adottati pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati kontra r-razziżmu ġie enfasizzat fil-**konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu[44]** adottati f'Marzu 2022.

#### *Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali*

Skont il-konsultazzjoni li tinforma dan ir-rapport, il-**pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati huma importanti fil-ġlieda kontra r-razziżmu** u għandhom jiġu żviluppati u implimentati fl-Istati Membri kollha. Dawn jipprovdu politika pubblika komprensiva għall-promozzjoni tal-ugwaljanza razzjali[45] u juru li l-Istati Membri ddeċidew li jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw biex jeliminaw id-diskriminazzjoni razzjali[46]. Huma jgħinu wkoll lill-Istati Membri biex iqiegħdu fil-prattika l-obbligi internazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem.

Diġà, 11-il Stat Membru – il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Latvja, Malta, il-Portugall, il-Finlandja u l-Iżvezja – adottaw pjan ta' azzjoni nazzjonali ddedikat kontra r-razziżmu, filwaqt li barra minn hekk id-Danimarka, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u l-Awstrija qed iħejju wieħed. Bħalissa ċ-Ċekja, id-Danimarka, l-

---

[42] In-Nota ta' Gwida dwar il-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika.
[43] Tiltaqa' t-Task Force tal-Istatistika dwar l-Ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni tal-Eurostat
[44] Il-Kunsill jadotta konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu
[45] OHCHR: *National Action Plans Against Racism*.
[46] *Developing national action plans against racial discrimination*.

Estonja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija, u s-Slovakkja integraw miżuri kontra r-razziżmu fi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali oħra, eż. dwar id-drittijiet tal-bniedem jew l-integrazzjoni soċjali[47].

Il-konsultazzjoni mal-Istati Membri żvelat diversi sfidi fl-ippjanar tal-politika u l-implimentazzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma hemm l-ebda **baġit allokat speċifikament** għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. F'xi Stati Membri l-attivitajiet mill-pjan ta' azzjoni nazzjonali huma ffinanzjati mill-ministeri skont il-portafoll tagħhom jew permezz ta' finanzjament ta' proġetti u implimentati minn istituzzjonijiet mhux governattivi. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jidhru li **involvew bosta partijiet ikkonċernati differenti fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni jew dawk konsultattivi**, għadu mhux ċar sa liema punt żguraw il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet affettwati u tar-rappreżentanti tagħhom.

Fit-teħid ta' nota tas-sorsi tad-*data* eżistenti li jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-Istati Membri ma ħadmux b'mod sistematiku, u **użaw b'mod mhux uniformi *data* diżaggregata dwar l-ugwaljanza** bħala bażi għall-iżvilupp u għall-ambitu tal-pjanijiet ta' azzjoni. L-approċċi differenti lejn l-użu tad-*data* jistgħu jiġu osservati bl-istess mod fl-isforzi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.

Il-fehim u l-interpretazzjonijiet tal-kunċett ta' razziżmu strutturali jvarjaw fost l-Istati Membri, li wassal biex il-biċċa l-kbira minnhom adottaw miżuri pjuttost frammentati, u xi Stati Membri ma għandhom l-ebda dispożizzjoni kontra r-razziżmu strutturali. L-istess jgħodd għall-applikazzjoni ta' approċċ intersezzjonali għall-ġlieda kontra r-razziżmu. Meta tiġi applikata l-intersezzjonalità, din hija fil-biċċa l-kbira ristretta għall-ġeneru. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri fuq l-iżvilupp ta' approċċi fattibbli għall-ġlieda kontra r-razziżmu strutturali u tat mandat lill-OECD biex tiżviluppa indikaturi possibbli.

Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, enfasizzaw ir-rilevanza tal-pjan ta' azzjoni għall-isfidi li jiffaċċjaw il-migranti u r-refuġjati. Ir-razziżmu u l-ksenofobija jippreżentaw ostakli addizzjonali għall-inklużjoni tal-migranti fis-soċjetà u l-attitudnijiet kontra l-migranti għandhom jiġu indirizzati bħala parti minn pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu.

Biex tassisti lill-Istati Membri, il-Kummissjoni ħolqot **Sottogrupp dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu** li jikkonsisti minn **esperti** mill-Istati Membri u osservaturi[48] taħt il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra

---

[47] L-informazzjoni tiddependi fuq il-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri, li kienet parti minn proċess ta' konsultazzjoni usa'. Il-Bulgarija, Ċipru u n-Netherlands ma pparteċipawx fil-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li l-Polonja u s-Slovenja għadhom ma nnominawx delegati nazzjonali għas-Sottogrupp, u għalhekk ma pparteċipawx fil-konsultazzjoni lanqas.

Fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu ssir referenza għal 15-il Stat Membru bi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Madankollu, dawk l-istrumenti jvarjaw fit-titoli u l-aspetti koperti. Filwaqt li xi wħud huma mmarkati b'mod ċar bħala pjanijiet ta' azzjoni kontra r-razziżmu, oħrajn għandhom firxa differenti jew jistgħu ma jitqisux bħala pjanijiet ta' azzjoni kompluti. Għalhekk, l-għadd globali ta' din il-komunikazzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni kontra r-razziżmu mhumiex komparabbli. Għal analiżi dettaljata ta' 10 Stati Membri, ara l-istudju mwettaq mill-Parlament Ewropew: *Protection against racism, xenophobia and racial discrimination, and the EU Anti-racism Action Plan*.

[48] L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu (il-Kunsill tal-Ewropa), in-Norveġja.

d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[49] u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità[50]. Is-Sottogrupp jiżviluppa għodod ta' politika biex jgħin fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Jorganizza wkoll laqgħat bejn diversi partijiet ikkonċernati biex jiġu kondiviżi prattiki tajbin u jsiru diskussjonijiet biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. Barra minn hekk, is-Sottogrupp jindirizza kwistjonijiet kontemporanji kruċjali, inkluż iż-żieda fil-mibegħda kontra l-Musulmani.

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-FRA, is-Sottogrupp ippubblika **prinċipji gwida komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni**[51] **razzjali fl-2021**. Fl-2022, is-Sottogrupp ipproduċa **lista ta' kontroll tal-monitoraġġ dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' gwida komuni u għodda għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu**[52]. Iż-żewġ għodod ta' politika ġew approvati mill-Istati Membri fiż-żewġ gruppi ta' livell għoli msemmija hawn fuq[53].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġabret u waslet biex tippubblika **prattiki promettenti** mill-Istati Membri relatati mal-proċessi u l-azzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

***Il-mobilizzazzjoni tal-livelli reġjonali u lokali għal impatt sinifikanti fil-prattika***

Il-Kummissjoni tiffinanzja l-Koalizzjoni Ewropea tal-Bliet Kontra r-Razziżmu (ECCAR) li hija network ta' bliet li jikkondividu esperjenzi biex itejbu l-politiki tagħhom għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-ksenofobija. B'xogħolha l-ECCAR tappoġġja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni speċifikament fil-livell lokali.

L-Inizjattiva Urbana Ewropea, ġestita mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni indiretta, tappoġġja l-Aġenda Urbana għas-sħubija tal-UE "Bliet ta' Ugwaljanza"[54]. Din is-sħubija, li tnediet fl-2024, għandha l-għan li tiżviluppa approċċi komprensivi u inklużivi biex trawwem l-ugwaljanza fiż-żoni urbani.

Il-bliet u r-reġjuni jaqdu wkoll rwol importanti fil-bini ta' ambjenti inklużivi għaċ-ċittadini tagħhom. Biex tenfasizza l-isforzi u l-impenji tagħhom, fl-2022 il-Kummissjoni nediet deżinjazzjoni tal-kapitali Ewropea/Ewropej tal-inklużjoni u d-diversità — **il-Premju annwali tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità**[55] li jkopri r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni: is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll l-intersezzjonalità.

***Il-ħidma mas-settur privat***

---

[49] Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda

[50] Grupp ta' Livell Għoli dwar in-non-diskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità

[51] *Common guiding principles for national action plans against racism*.

[52] Lista ta' kontroll tal-monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' gwida komuni u l-għodda ta' rapportar għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu

[53] Il-prinċipji gwida komuni ġew adottati f'Diċembru 2021 u l-lista ta' kontroll tal-monitoraġġ u l-għodda ta' rapportar ġew approvati f'Novembru 2022.

[54] Bliet ta' Ugwaljanza

[55] Il-Premju tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2024

Mill-2020, **ix-Xahar tad-Diversità tal-UE**[56] qajjem kuxjenza dwar l-importanza tad-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol, u b'mod aktar wiesa' fis-soċjetà. Fl-2021, pereżempju, ix-Xahar tad-Diversità tal-UE ffoka fuq id-diversità razzjali u etnika fuq il-post tax-xogħol u għaliex huwa importanti għan-negozju. Matul ix-Xahar tad-Diversità tal-UE tal-2023, il-Kummissjoni Ewropea nediet għodda ta' awtovalutazzjoni tad-diversità tal-UE[57] għall-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet fis-setturi pubbliċi u privati.

F'Novembru 2021, il-**Pjattaforma tal-UE għall-Karti dwar id-Diversità** organizzat diskussjoni virtwali madwar mejda "*Let's talk about racism – the EU anti-racism action plan and its impact*" biex tqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u tinvolvi ruħha mal-impjegaturi. Dan ġie segwit minn workshop f'Mejju 2023 dwar *"How to build anti-racist and religiously inclusive organisations?*".

***Mainstreaming***

Il-Kummissjoni **integrat il-ġlieda kontra r-razziżmu fl-oqsma ta' politika kollha tagħha** u stiednet ukoll lill-Istati Membri jivvalutaw l-inizjattivi tagħhom minn lenti kontra r-razziżmu u jinkorporaw miżuri kontra r-razziżmu fl-oqsma ta' politika kollha tagħhom. Dan ifisser li jitqiesu l-preġudizzju razzjali potenzjali – konxju jew inkonxju – u x-xejriet ta' diskriminazzjoni fir-regoli, in-normi u l-proċessi li japplikaw, u fl-attitudnijiet u l-imġiba tagħhom.

Huma essenzjali strutturi biex jiżguraw u jappoġġaw l-istituzzjonalizzazzjoni, il-koerenza u s-sostenibbiltà tal-ħidma tal-politika tal-Kummissjoni kontra r-razziżmu.

It-**Task Force tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza**[58], magħmula minn rappreżentanti ("koordinaturi tal-ugwaljanza") tad-Direttorati Ġenerali kollha tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, għad għandha rwol ewlieni fl-iżgurar li l-objettivi tal-pjan ta' azzjoni jkunu riflessi fil-politiki kollha tal-UE. It-Task Force ppermettiet l-integrazzjoni konsistenti tar-raġunijiet tal-ugwaljanza, inkluża l-oriġini razzjali jew etnika, f'inizjattivi ta' politika u azzjoni interna tal-Kummissjoni. Il-ħidma fuq raġunijiet differenti ta' ugwaljanza bħala parti minn approċċ konġunt wittiet ukoll it-triq biex l-intersezzjonalità tiġi implimentata fit-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni.

Eżempji għall-integrazzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu fil-politiki tal-UE jinkludu:

***Id-drittijiet tat-tfal*** — L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, adottata fl-24 ta' Marzu 2021[59], u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal[60], iħeġġu lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw u jsaħħu s-sistemi tagħhom ta' protezzjoni tat-tfal, u jagħmluhom aktar integrati u inklużivi biex jindirizzaw id-diversità tal-ħtiġijiet tat-tfal għall-protezzjoni minn kwalunkwe forma ta' vjolenza. Fir-Rakkomandazzjoni qed jiġi enfasizzat li l-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-inklużjoni fis-soċjetajiet tagħna hija għodda importanti għall-prevenzjoni tal-vjolenza.

***Trasport*** — Il-Kummissjoni stabbiliet network ta' Ambaxxaturi tad-Diversità fit-Trasport insostenn tal-aġenda tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità fit-

[56] Ix-Xahar tad-Diversità Ewropea
[57] Valutazzjoni tad-diversità u l-inklużjoni fl-organizzazzjoni tiegħek
[58] It-Task Force għall-Ugwaljanza tal-Kummissjoni Ewropea
[59] L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal
[60] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal

trasport, skont l-objettivi taħt l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti[61]. Il-mira tan-network hija li jaġevola l-kuxjenza għal miżuri, inizjattivi jew azzjonijiet għall-promozzjoni tal-ugwaljanza, tad-diversità u tal-inklużività fit-trasport u li jixprunahom, kemm fir-rigward tal-forza tax-xogħol tat-trasport kif ukoll tal-utenti tat-trasport[62]. Il-Kummissjoni żviluppat Manwal prattiku għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza fil-mobbiltà u t-trasport[63] biex tgħin lill-persunal japplika l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, u, għalhekk, biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jippromwovu l-ugwaljanza u jiġġieldu d-diskriminazzjoni.

***Riċerka u Innovazzjoni*** — Il-Patt tal-2021 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa[64], wieħed mill-pilastri ewlenin taż-Żoni Ewropej tar-Riċerka (ŻER)[65] il-ġodda, jafferma b'mod ċar l-opportunitajiet indaqs u l-inklużività bħala valuri u prinċipji ewlenin, u jissottolinja bħala prijoritajiet għal azzjoni konġunta t-tneħħija tal-inugwaljanzi, inklużi dawk relatati mal-oriġini razzjali jew etnika. Fl-2023, ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u jinżammu t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni[66] u fl-intraprenditorija fl-Ewropa introduċiet il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi[67], li fiha l-motto *Embracing Diversity* ġie stabbilit bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin tagħha u biex hekk ikomplu jiġu miġġielda l-inugwaljanzi. Hija tenfasizza l-importanza tar-rikonoxximent u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha, inkluża l-oriġini razzjali jew etnika, u tenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u mitigati l-preġudizzji inkonxji fil-proċessi ta' reklutaġġ, promozzjoni u rieżami.

***Mobilizzazzjoni tal-fondi tal-UE***

Programmi differenti tal-UE joffru opportunitajiet ta' finanzjament għal proġetti li jippromwovu l-valuri tal-ġlieda kontra r-razziżmu u n-nondiskriminazzjoni. Il-finanzjament iddedikat huwa disponibbli taħt il-programm tal-UE dwar **iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)**[68], li l-objettivi tiegħu jinkludu l-ġlieda u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza kontra l-migranti fil-livelli kollha fis-soċjetà, inkluż billi tinbena l-fiduċja bejn l-individwi, il-komunitajiet u l-awtoritajiet nazzjonali. Fl-2023 ġiet introdotta b'suċċess prijorità ġdida dwar il-migrazzjoni, id-dekolonizzazzjoni u s-soċjetajiet Ewropej multikulturali.

Fil-perjodu 2021–2027 huma disponibbli **fondi tal-politika ta' koeżjoni**[69] biex jappoġġaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jrawmu aċċess ugwali għas-servizzi ġenerali għal gruppi emarġinati, bħar-Rom u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

Il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** (FEŻR) jappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura, it-tagħmir, u l-aċċess għas-servizzi mainstream fl-impjieg, il-kura tas-saħħa, il-kura soċjali, l-akkomodazzjoni mhux segregata u l-edukazzjoni. Dawn l-investimenti jenħtieġ li jkunu ta'

---

[61] Strateġija għall-Mobbiltà
[62]Ambaxxaturi għad-diversità fit-trasport.
[63] *Handbook for equality mainstreaming*.
[64] Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa
[65] ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
[66] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa
[67] Il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi
[68] Ħarsa ġenerali lejn il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri
[69] B'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

benefiċċju wkoll għall-gruppi emarġinati, inklużi r-Rom u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u jenħtieġ li jiġu pprogrammati azzjonijiet iddedikati biex irawmu l-aċċess tagħhom għall-infrastruttura u s-servizzi mhux segregati mainstream.

Fl-2021, il-Kummissjoni ppubblikat **is-Sett ta' Għodod aġġornat dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-integrazzjoni ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni** għall-perjodu 2021–2027[70], li għandu l-għan li jrawwem użu komplementari tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF).

Il-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**[71] tappoġġa riformi u investimenti biex jittejbu l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni ta' persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli. Pereżempju, il-RRF tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-intolleranza u d-diskriminazzjoni billi jinvestu fl-iżvilupp personali taż-żgħażagħ minn gruppi ta' minoranza, eż. ir-Rom fil-Bulgarija u fil-Greċja, joħolqu faċilitajiet ta' edukazzjoni u ta' servizz ta' matul il-ġurnata f'komunitajiet b'popolazzjoni Rom sinifikanti, u jippromwovu l-aċċess għall-edukazzjoni vokazzjonali u l-integrazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol (eż. ir-Rumanija, is-Slovakkja).

**Orizzont Ewropa**[72], il-programm ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, jiffinanzja wkoll inizjattivi għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, u l-ksenofobija billi jappoġġa r-riċerka u proġetti li jippromwovu l-inklużività, it-tolleranza, u l-valuri demokratiċi jew li jindirizzaw ir-razziżmu bħala kwistjoni ta' sigurtà ċivili. Dan jinkludi finanzjament taħt ir-raggruppament tematiku "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva" biex tissaħħaħ l-ugwaljanza razzjali, etnika u reliġjuża, kif ukoll taħt ir-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju", li speċifikament jindirizza l-preġudizzji tal-ġeneru, ir-razza u preġudizzji oħra fl-IA. Ir-raggruppament "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà" jiffinanzja pereżempju r-riċerka dwar il-ġlieda kontra l-abbuż tal-kultura tal-logħob online minn estremisti jew il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda.

L-ewwel qafas li qatt sar għal miżuri ta' inklużjoni fil-Programm Erasmus+[73] u fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà[74] ġie introdott fl-2021, kif ukoll Strateġija ta' Inklużjoni u Diversità, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal persuni b'inqas opportunitajiet. Minbarra l-proġetti fl-oqsma tal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ, l-**azzjonijiet sportivi tal-programm Erasmus+** jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza fl-isport u permezz tal-isport. Madankollu, ir-razziżmu u d-diskors ta' mibegħda għadhom kwistjonijiet fl-isport, mill-ogħla livell sa dak tad-dilettanti. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea tikkofinanzja proġett mal-Kunsill tal-Ewropa dwar "Il-Ġlieda kontra d-diskors ta' Mibegħda fl-Isport".

Proġetti li jindirizzaw il-kwistjoni tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni huma eliġibbli wkoll għal finanzjament taħt il-**programm Ewropa Kreattiva**[75], taħt il-prijorità ta' "inklużjoni", li għandha l-għan li ssaħħaħ is-soċjetà u ttejjeb l-inklużjoni soċjali għal persuni li jappartjenu għal minoranzi u gruppi soċjalment emarġinati, fil-kultura u permezz tagħha.

---

[70] *Toolkit on the use of EU funds for the integration of people with a migrant background*.
[71] Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
[72] Orizzont Ewropa, il-programm ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni
[73] Paġna ewlenija - Erasmus+
[74] Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
[75] Ewropa Kreattiva — Kultura u Kreattività.

L-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku** (TSI)[76] jindirizza r-razziżmu u d-diskriminazzjoni billi jappoġġa gruppi vulnerabbli u jsaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jindirizzaw problemi ta' ugwaljanza. Pereżempju, jiffinanzja proġetti fl-Estonja, fil-Portugall u f'Malta ffukati fuq l-appoġġ għall-vittmi, bl-għan li jimplimentaw miżuri biex jipproteġu aħjar lill-vittmi ta' reati, inklużi reati ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu.

Mill-2024, it-TSI se jkompli jappoġġa lill-Korpi tal-Ugwaljanza fil-Belġju, fil-Portugall u fil-Finlandja biex jiżviluppaw, jissorveljaw u jużaw soluzzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), u jivvalutaw l-impatt tal-IA fuq kwistjonijiet ta' ugwaljanza, skont l-implimentazzjoni tal-Att tal-UE dwar l-IA.

***Il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni fil-politiki esterni***

Ir-razziżmu huwa problema globali, u huwa importanti li l-azzjonijiet fl-UE u barra minnha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu jkunu koerenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti kontra r-razziżmu u alleanzi internazzjonali b'saħħithom, il-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti[77], bħall-OHCHR, l-ECRI u l-OECD. Il-**Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD)** tibqa' l-bażi tal-isforzi tal-UE biex tipprevjeni, tiġġieled u teqred ir-razziżmu fil-livell globali, reġjonali u nazzjonali. Kemm f'fora multilaterali kif ukoll fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab. L-UE tkompli tippromwovi r-ratifika universali tal-ICERD u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħha.

Il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluża l-ġlieda kontra r-razziżmu hija prijorità ewlenija tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni esterna kif rifless fil-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija**[78]. F'Settembru 2022, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u s-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw avveniment online ma' kollegi f'delegazzjonijiet multilaterali[79] biex jiddiskutu l-isfidi u **l-opportunitajiet ewlenin għal approċċ tal-UE aktar effettiv u viżibbli għall-ġlieda kontra r-razziżmu**, kif ukoll biex isaħħu l-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-ġlieda kontra r-razziżmu tkun tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv f'fora multilaterali.

---

[76] Strument ta' Appoġġ Tekniku (TSI).

[77] Permezz tal-Uffiċċju Reġjonali tiegħu għall-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) appoġġa lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' prinċipji gwida komuni dwar il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa, kienet waħda mill-interlokuturi prinċipali tal-koordinatur tal-UE kontra r-razziżmu. Bħala membru tas-sottogrupp dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu, l-ECRI kkontribwixxiet għall-iżvilupp tal-għodod ta' politika prodotti mis-sottogrupp.

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) hija membru attiv tas-sottogrupp u qed tiżviluppa indikaturi biex tgħin fil-monitoraġġ tar-razziżmu strutturali fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u l-infurzar tal-liġi. Il-proġett huwa wieħed minn diversi proġetti kontra r-razziżmu ffinanzjati mill-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV).

Il-koordinatur tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu ħadem ma' diversi mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem u pparteċipa f'inizjattivi tan-NU bħall-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv tan-NU dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-Dikjarazzjoni u Programm ta' Azzjoni ta' Durban (Grupp ta' Ħidma), il-ħidma li għaddejja relatata mad-Deċennju Internazzjonali tal-Persuni ta' Nisel Afrikan u l-Aġenda lejn bidla trasformattiva.

[78] Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.

[79] SEAE Strasburgu, Pariġi, Vjenna, Ġinevra u New York.

**L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)**[80] jappoġġa attivitajiet li jipprevjenu jew jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, permezz ta' programmi fl-oqsma wiesgħa tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, il-governanza u l-ġustizzja. F'ħafna pajjiżi, il-prevenzjoni u r-rispons għar-razziżmu huma wkoll parti mid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u mmonitorjati regolarment. Fil-livell reġjonali u globali hemm disponibbli fondi tal-NDICI, li għandhom ukoll l-għan li jsaħħu l-kapaċità tas-soċjetà ċivili li tirrispondi għar-razziżmu. Fl-2023, il-Kummissjoni allokat fondi għal proġetti globali li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u diversi forom ta' razziżmu, inklużi EUR 5.5 miljun għall-appoġġ tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin madwar id-dinja.

### 3.3. Azzjoni pożittiva mill-UE – nisimgħu u naġixxu

*Demokraziji inklużivi*

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika pubblika, li għall-fini tiegħu huma meħtieġa l-infrastrutturi, il-kapaċitajiet u r-riżorsi korrispondenti u t-teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-aċċessibbiltà, it-trasparenza u l-inklużività. Fir-**Rakkomandazzjoni dwar l-involviment ċiviku**[81]**, adottata fi ħdan il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija**, il-**Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jippromwovu l-parteċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili** f'kull stadju mit-tfassil sal-implimentazzjoni, biex jiżviluppaw, jappoġġaw u jwettqu l-parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti tagħhom, inkluż billi jiddedikaw finanzjament speċifiku. Ir-rakkomandazzjoni dwar l-involviment ċiviku hija ta' rilevanza partikolari għall-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kontra r-razziżmu.

***Strutturi ġodda biex wieħed jisma' u jitgħallem: qafas permanenti għall-iskambju***

Fl-2021, il-Kummissjoni ħatret l-ewwel **Koordinatur tagħha dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu**[82], biex tiżgura l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ġenerali tal-pjan ta' azzjoni, biex tiffaċilita l-integrazzjoni tal-miżuri kontra r-razziżmu u biex taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni tal-politika tal-Kummissjoni kontra r-razziżmu. Il-Koordinatur jaħdem mill-qrib mal-Koordinatur fil-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana, il-Koordinatur għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u t-trawwim tal-ħajja Lhudija u t-tim li jikkoordina l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom. Il-ħatra tal-Koordinatur għall-ġlieda kontra r-razziżmu tejbet il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet lokali.

Biex **tinvolvi ruħha ma' persuni li jesperjenzaw razziżmu** u diskriminazzjoni razzjali u titgħallem minnhom u biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-OSĊ li jaħdmu ma' persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju u jirrappreżentawhom, il-Kummissjoni stabbiliet il-**Forum Permanenti tas-Soċjetà Ċivili Kontra r-Razziżmu**[83] f'Ġunju 2021. Il-Forum ġie kkonsultat għall-prinċipji ta' gwida komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu kif ukoll għal-lista ta' kontroll tal-monitoraġġ u l-għodda ta' rapportar.

---

[80] Ewropa Globali: L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

[81] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

[82] Il-Koordinatur tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

[83] Membri tal-Forum Permanenti tal-OSĊ kontra r-razziżmu

Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni, il-**Kummissjoni organizzat Summit Ewropew Kontra r-Razziżmu** fl-2021 bl-involviment mill-qrib tas-soċjetà ċivili u tal-korpi tal-ugwaljanza. Fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea organizzat, f'kooperazzjoni mal-Intergrupp tal-Parlament Ewropew Kontra r-Razziżmu u d-Diversità u mal-Kummissjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, it-tieni Summit Ewropew Kontra r-Razziżmu. Is-Summit fakkar il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali. Il-fokus tiegħu kien fuq it-tħejjija u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali u r-rwol importanti taż-żgħażagħ, speċjalment iż-żgħażagħ minn minoranzi razzjali u etniċi fil-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni.

Filwaqt li fil-konsultazzjoni pubblika l-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili laqgħu l-ħolqien tal-Forum Permanenti, huma qiesu wkoll li hija meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġi żgurat li l-ispazji ċiviċi jkunu sikuri u inklużivi għall-komunitajiet u l-minoranzi kollha.

Il-Koordinatur għall-ġlieda kontra r-razziżmu **jaħdem mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-Istati Membri, filwaqt li jappoġġa** l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu. Il-koordinatur **jikkollabora wkoll mal-istituzzjonijiet u ma' partijiet ikkonċernati oħra** inklużi l-Parlament Ewropew, il-korpi tal-ugwaljanza, l-akkademja, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex itejjeb ir-reazzjonijiet ta' politika.

## 4. Ir-riżorsi umani proprji tal-UE

Il-pjan ta' azzjoni enfasizza li bħala impjegatur, il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tmexxi bl-eżempju u li tiżgura li l-forza tax-xogħol tagħha tkun rappreżentattiva tad-diversità tal-popolazzjoni tal-Ewropa. Hija impenjata wkoll għal kultura tax-xogħol inklużiva fejn kulħadd jista' jirnexxi u jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, irrispettivament mill-isfond jew il-karatteristiċi personali. Fl-2020, il-Kummissjoni waqqfet **Uffiċċju għad-Diversità u l-Inklużjoni[84] fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tagħha tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà biex tissorvelja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti**. Dan beda bi stħarriġ estensiv dwar id-diversità u l-inklużjoni tal-persunal tiegħu li sar f'Marzu 2021[85]. Ir-riżultati tal-istħarriġ intużaw biex jinfurmaw l-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Umani adottata fl-2022 kif ukoll biex jiffurmaw bażi ta' evidenza għall-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni aġġornat dwar id-Diversità u l-Inklużjoni 2023–2024[86].

Il-Kummissjoni hija avvanzata sew fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni li jiffoka fuq azzjonijiet trasversali b'appoġġ għall-maniġers, programm strutturat ta' tagħlim u żvilupp, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, komunikazzjoni u ġbir imtejjeb tad-*data* u valutazzjoni komparattiva. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni fih azzjonijiet immirati b'appoġġ għal gruppi speċifiċi ta' persunal. Pereżempju, l-Uffiċċju għad-Diversità u l-Inklużjoni jorganizza avvenimenti interni tal-persunal jew attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex ifakkar il-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, b'enfasi fuq l-esperjenzi tal-persunal bir-razziżmu fuq il-post tax-xogħol. Huwa involva ruħu wkoll mill-qrib ma' **Diversité Europe, assoċjazzjoni tal-persunal tal-UE**, maħluqa fl-2021, li tirrappreżenta l-interessi u t-tħassib tal-persunal li jappartjeni għal sfond razzjali jew etniku minoritarju.

Il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll id-diversità fil-**programm ta' traineeship tagħha tal-Blue Book**: hija ppubblikat fuq is-sit web tagħha strateġija ta' diversità u inklużjoni[87] għat-traineeship f'Settembru 2022, li ffukat kemm fuq is-sensibilizzazzjoni kif ukoll fuq rieżami tal-kriterji ta' selezzjoni biex jitwessa' l-appell tal-programm u jsir aktar aċċessibbli għall-gruppi sottorappreżentati.

Fl-2023, il-Kummissjoni ġeddet ukoll il-**politika tagħha dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u stabbiliet funzjoni ġdida (Kap Konsulent Kunfidenzjali)** li se tissorvelja l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' din il-politika fil-Kummissjoni. L-istrateġija mġedda tirrikonoxxi li d-diskriminazzjoni tista' timmanifesta ruħha permezz ta' fastidju.

Biex jattira grupp aktar varjat ta' talent lejn is-servizzi ċivili tal-UE, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) nieda sejħa għal kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet kollha tad-diversità tal-UE fl-2020, u stedinhom jingħaqdu ma' bażi tad-*data* ta' organizzazzjonijiet sħab, li jżomm aġġornata. L-EPSO wettaq żewġ stħarriġiet dwar l-ugwaljanza u d-diversità biex jiġbor *data* dwar id-diversità tal-grupp ta' kandidati tiegħu u adotta **Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza u d-Diversità** f'Mejju 2022, għal sensibilizzazzjoni msaħħa biex jattira grupp varjat ta' kandidati. B'mod parallel, l-EPSO involva organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni minn sfond razzjali jew etniku

---

[84] In-nies l-ewwel — Diversità u inklużjoni.

[85] Stħarriġ pilota dwar id-Diversità tal-EPSO – Sejbiet ewlenin (2022).

[86] *Diversity and inclusion in the workplace*.

[87] *Diversity and Inclusion strategy - European Commission's Blue Book traineeships scheme*.

minoritarju biex jidentifikaw u jindirizzaw fatturi possibbli ta’ mblukkar li jżommuhom milli japplikaw għall-Karrieri mal-UE[88].

[88] *Identifying potential blocking factors to EU careers*.

## 5. Konklużjoni

Il-partijiet ikkonċernati **laqgħu bis-sħiħ l-adozzjoni tal-ewwel pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu**, li huwa meqjus li wassal għall-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u mexxa 'l quddiem id-dibattitu dwar l-indirizzar tar-razziżmu fil-forom kollha tiegħu, inkluża d-dimensjoni strutturali tiegħu.

**Il-pjan ta' azzjoni ħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom kontra r-razziżmu.** Kooperazzjoni tajba mal-Istati Membri u bejniethom, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, iffaċilitat l-adozzjoni ta' metodoloġiji kondiviżi permezz ta' għodod ta' politika komuni, l-iskambju ta' prattiki promettenti u t-tagħlim reċiproku.

Fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom l-għan li jrawmu l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-komunitajiet affettwati, li jirrikonoxxu u jindirizzaw ir-razziżmu strutturali, li jinkludu **perspettiva intersezzjonali**, u li **jallokaw finanzjament suffiċjenti** għall-isforzi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

Mill-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni 'l hawn, diversi kriżijiet wasslu għal żieda fir-razziżmu, il-ksenofobija u l-mibegħda kontra gruppi differenti. Id-*data* disponibbli, li għadha skarsa, turi l-prevalenza tar-razziżmu individwali u strutturali sal-lum. Il-partijiet ikkonċernati kkonfermaw li s-sitwazzjoni tan-nies li qed jiffaċċjaw ir-razziżmu ma marritx għall-aħjar. Biex trawwem soċjetà ħielsa mir-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza, il-Kummissjoni, fi sforz konġunt mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, trid iżżid l-isforzi biex tindirizza l-forom kollha ta' razziżmu.

Il-**ġbir ta' *data* affidabbli u komparabbli dwar l-ugwaljanza inklużi indikaturi dwar l-oriġini razzjali u etnika** huwa kruċjali biex jinxteħet dawl fuq xejriet u strutturi razzisti u diskriminatorji. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jkomplu **jtejbu l-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza fil-livelli territorjali kollha u jħeġġu lill-partijiet ikkonċernati kollha jikkooperaw fil-ġbir tad-*data* għal finijiet ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni** billi jenfasizzaw li hemm salvagwardji fis-seħħ meta tinġabar *data* sensittiva u li tali *data* tinġabar biss fl-interess tat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni milquta mid-diskriminazzjoni razzjali u etnika.

Il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mas-CEPOL, il-FRA u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) biex tiżviluppa u toffri taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar preġudizzju inkonxju u se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex **tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex tiggarantixxi pulizija ġusta u mhux diskriminatorja**.

Il-progress miksub s'issa jservi bħala pedament li fuqu jridu jibnu l-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni tal-UE. Huwa imperattiv li tinżamm id-dinamika u li jkomplu jissaħħu l-politiki, il-prattiki u l-inizjattivi li wrew li huma effettivi, b'mod partikolari fid-dawl tal-inċidenza li qed tmur għall-agħar tad-diskriminazzjoni razzjali.

**Il-ġlieda kontra r-razziżmu teħtieġ determinazzjoni u impenn fit-tul.** L-avvanzi jinkisbu permezz tal-**integrazzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu** f'politiki differenti u bil-ħolqien ta' strutturi u mekkaniżmi ddedikati biex jindirizzaw ir-razziżmu. Il-pjan ta' azzjoni enfasizza **kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati kollha**. Id-djalogu regolari mas-soċjetà ċivili wera li huwa **sħubija ewlenija**. Permezz ta' dan l-impenn sinifikanti, il-Kummissjoni kisbet għarfien imprezzabbli mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra r-razziżmu.

Kif iddikjarat fil-linji gwida politiċi għall-mandat il-ġdid 2024–2029, **il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li trawwem soċjetà ħielsa mir-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza**, u li tassisti l-isforzi nazzjonali biex tinkiseb Unjoni ta' Ugwaljanza fejn kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs billi tiġi żviluppata strateġija kontra r-razziżmu.